**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 55 – IL-ĦAMIS 19 TA' JANNAR 2023**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**55.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

55.1.1 Ma kienx hemm.

**55.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

55.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (54) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

55.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 55.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

55.3.1 Ma kienx hemm.

## 55.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

55.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill Reġjonali Lvant kien qed jistieden lill-Kunsilli fi ħdan ir-Reġjun biex jattendi għaċ-ċerimonja tal-ftuħ uffiċċjali tal-European Region of Sports 2023 nhar l-20 ta' Jannar fil-Kumpless Sportiv f'Tal-Qroqq. Is-Sindku ikkonferma l-attendenza tiegħu filwaqt li stieden lill-Viċi u lill-Kunsillieri biex jattendu għal dan l-avveniment.

55.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-kuntratt il-ġdid tal-iskart domestiku, dak organiku u dak riċiklabbli jidher li miexi skont l-iskeda l-ġdida tal-immaniġġjar tal-iskart. Is-Sindku kompla billi qal li fil-bidu ta' servizz ġdid bi skeda differenti tistenna li jkun hemm ftit tad-diffikultajiet sakemm il-komunità tadatta ma' din l-iskeda. Semma li għad hemm issues partikolarment fiż-żona kummerċjali però din is-sitwazzjoni qed tiġi ndirizzata wkoll biex fl-aħħar mill-aħħar jingħata l-aħjar servizz liċ-ċittadin.

## 55.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

55.5.1 Ma kienx hemm.

## 55.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

55.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-21ta' Diċembru u l-15 ta' Jannar 2023 kif jidher fid-dokument A u B.

55.6.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 2418/22. Call for applications – The Congress of Local and Regional Authorities of the Council of Europe.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li din hija sejħa purament għaż-żgħażagħ li jridu jidħlu fil-politika fejn it-tema li ser tiġi diskussa waqt il-Kungress li se jsir fi Strasburgu f'Marzu u f'Ottubru 2023 hija 'Rejuvenating Politics' initiative.

55.6.3 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 10/23. Skart tal-ħwienet.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart huwa servizz provdut għar-resident.

55.6.4 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet dwar korrispondenza nru. 27/23. Site meeting re water ingress at Council Hall.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill qiegħed f'diskussjoni mall-Perit li kien qed jissorvelja x-xogħlijiet u kien deċiż li ssir spezzjoni minn *structural engineer* biex iħejji rapport u nimxu minn hemm.

55.6.5 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 2422/22. Aġġornament dwar Bring-in-sites.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li matul is-sena 2022 kien qed jitlob lill-iskema awtorizzata GreenMT biex jipprovdu sett wieħed fi Triq San Mikiel skont il-ftehim iffirmat bejn iż-żewġ partijiet però l-iskema awtorizzata baqgħet ma onoratx din il-klawsola tal-ftehim. Issa li l-istess ftehim ġie fit-tmiem tiegħu fl-aħħar tas-sena 2022, il-Kunsill irid jitkellem mall-Kunsill Reġjonali Lvant peress li s-servizz tal-ġbir tal-iskart qed jiġi mmaniġġjat fuq livell reġjonali.

**COMPLAINTS SHEET (21 December - 31 December 2022)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 340 | 21/12/2022 | Leakage tal-ilma taħt il-bankina quddiem nru.1 Triq S Erardi c/w Triq il-Mużika | pending | 1 Triq S Erardi c/w Triq il-Mużika | **WSC** |
| 341 | 21/12/2022 | Talba biex isir żabra ta' siġra ta' residenza 13 Triq il-Mużika. | pending | 13 Triq il-Mużika | **Council** |
| 342 | 21/12/2022 | Lampa tixgħel u titfi fit-Triq S Erardi c/w Triq il-Mużika | pending | 1 Triq S Erardi c/w Triq il-Mużika | **Enemalta** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 343 | 26/12/2022 | Hemm id-dawl ta' barra ta' nofs Triq il-Wied mhux jixgħel | pending | Triq il-Wied | **Enemalta** |
| 344 | 26/12/2022 | Reminder - Talba għal traffic mirror fi Triq il-Għargħur quddiem tal-Herba Constructions (100m minn Zarb Coaches) | Pending | Triq Għargħur | **Council** |
| 345 | 28/12/22 | Lampa mitfija fi Triq Alfons M Galea fuq arblu li qiegħed b'mod temporanju minħabba żvilupp ta' bini. | pending | Triq Alfons M Galea | **Kuntrattur** |
| 346 | 29/12/22 | Biex issir tindief minn Triq K Vassallo sa Triq Anton M Caruana, tnehija ta' haxix u hmied ihor fit-toroq. | pending | Triq K Vassallo sa Triq Anton M Caruana | **Council** |
| 347 | 31/12/2022 | 14 Triq P A Cuchieri, sar xi trenching biex isiru linji tal-marki taż-żebgħa mill-ġdid | pending | Triq P A Cuschieri | **Council** |

**COMPLAINTS SHEET (2nd January - 15th January 2023)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 04/01/2023 | Siġra maqsuma fi sqaq fi Triq il-Ħwawar | Pending | Sqaq fi Triq il-Ħwawar | **Council** |
| 2 | 04/01/2023 | Siġra maqsuma fi sqaq fi Triq il-Ħwawar, ma jistgħux jipparkjaw sew. | Pending | Sqaq fi Triq il-Ħwawar | **Council** |
| 3 | 04/01/2023 | Triq ir-Razzett L-Aħmar, fejn l-Arblu tan NET, Road Hump inqalgħet u hemm bżonn iktar humps għaliex qegħdin isuqu sewqan eċċessiv. | Pending | Triq ir-Razzett L-Aħmar | **Council** |
| 4 | 06/01/2023 | Hemm bozza maqtugħa mall-ħajt nru. 36 fi Triq P.M. Vella | settled | Triq P.M. Vella | **Kuntrattur** |
| 5 | 06/01/2023 | Il-bozza fuq arblu fi traffic island fi Triq Ċ Busuttil għadha ma' tixgħelx. Din ilha xhur tixgħel u titfi | Pending | Triq Ċ Busuttil | **Enemalta** |
| 6 | 06/01/2023 | Bozza fuq arblu mitfija Ġnejna, Triq in-Namur c/w Triq il-Plejju | Pending | Triq in-Namur | **Kuntrattur** |
| 7 | 06/01/2023 | Waqa' parti mill-ħajt fi Triq San Mikiel | Pending | Triq San Mikiel | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 8 | 12/01/2023 | Resident minn 18 Triq il-Mużika biddel kamra f'garaxx u qed jitlob biex il-kaxxa tal-parking il-bajda nagħmluha safra. | Pending | Triq il-Mużika | **Council** |
| 9 | 12/01/2023 | Hemm parti mill-bankina miksura fi Triq Ġużè Galea | settled | Triq Ġużè Galea | **Council** |
| 10 | 12/01/2023 | Infestazzjoni ta' ħrieden fi Triq E S Inglott | settled | Triq E S Inglott | **Sanita`** |
| 11 | 13/01/2023 | Talba biex titbaxxa filata tal-ġibjun fi Triq Anton Buttigieg | pending | Triq Anton Buttigieg | **Council** |

## 55.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

55.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

55.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

55.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

55.7.6 Il-Kunsill awtorizza l-ispiża għax-xiri ta' l-oġġetti u jew servizzi b'rabta mal-attività annwali kulturali li ġiet imtella f'Mejju 2022 bit-tema 'Festa Fjuri – Infiorata fis-seduti bin-numru 46, 47, u 48.

1. Kwotazzjoni għal għamara tal-Uffiċċju Amministrattiv mingħand il-fornitur Idea Workmate għall-prezz ta' Eur289.99c; Nem con.

2. Kwotazzjoni għal (1) extension socket 5 way with surge protector 2M għall-prezz ta' Eur20.91; Nem con.

3. Kwotazzjoni għal WIFI4EU replacement of board + installation mingħand il-fornitur ISB Technologies għall-prezz ta' Eur485.35c; Nem con.

## 55.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

55.8.1 Ma kienx hemm.

## 55.9 KONFERMA TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

55.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li l-minuti tal-laqgħa tal-lokalità jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

55.9.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 55.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN – DIĊ 2023

55.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-Quarterly Financial Report għall-perjodu ta' bejn Jannar u Diċembru 2022.

55.10.2 L-Accountant ta rendikont finanzjarju fejn beda biex ġie moqri l-Overview & Summary imbagħad għadda għall-qari tal-iStatement of Income and Expenditure, Statement of Financial Position, Cash Budget, Detailed Estimates of Income, Detailed Estimates of Expenditure, Detailed Estimates of Statement of Financial Position, u Detailed of Property, Plant and Equipment.

55.10.3 L-Accountant informa li l-Kunsill ser jispiċċa s-sena 2022 f'qagħda finanzjarja tajba kif jidher il-Financial Situation Indicator b'54%. L-Accountant ta spjegazzjoni dwar il-Profit & Loss fejn għal sena oħra qed juri li l-Kunsill qed jispiċċa b'defiċit ta' Eur(14,789.00).

Id-deprezzament laħħaq il-figura ta' Eur38,362, u r-remunerazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv (The Executive Secretaries' remuneraration package arrears għas-sena 2020 & 2021) li kien jammonta għal Eur8,475.00 kienu fost il-fatturi li waslu għal dan id-defiċit.

55.10.4 Wara diskussjoni, is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm aktar mistoqsijiet.

55.10.5 Il-Kunsillier Emanuel Zammit talab kjarifika dwar il-ħruġ u d-dħul għas-sena kurrenti.

55.10.6 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkwota r-rapport finanzjarju fejn isemmi li l-ħruġ kien ta' Eur425,062 filwaqt li d-dħul kien ta' Eur410,273.

55.10.7 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex jikkunsidra u japprova l-Quarterly Financial Report.

55.10.8 Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. F)**

**55.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI FINANZJARJI GĦAS-SENA 2023**

55.11.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras stieden għal darb' oħra lill-Accountant biex jippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2023 wara xogħol preparatorju li kien sar flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

55.11.2 L-Accountant ippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2023. Semma li l-allokazzjoni finanzjarja kienet ser tlaħħaq Eur317,687.

55.11.3 Wara diskussjoni wiesgħa dwar l-estimi u l-proġetti ppjanati għas-sena kurrenti, is-Sindku Dott. Sciberras irrimarka li l-Kunsill qed juża l-prudenza fl-infieq ta' fondi għaliex qed jiġi osservat li kull darba li l-Kunsill japplika għal xi skema li joħroġ id-Direttorat, il-Kunsill mhux qed jieħu l-massimu tal-fondi u dak ikun ifisser li l-Kunsill irid jassorbi l-ispiża.

Spjega li normalment l-funding ikun 85%-15% jew 80%-20% iżda qed jinnota li jkun hemm istanzi fejn il-Kunsillvgħal xi raġuni ma jikkwalifikax għall-massimu tal-85% tal-fondi u dan jaqa piż fuq il-Kunsill. F'dan ix-xenarju, il-Kunsill għandu juża l-*prudence concept* anke meta jiġi biex japplika għal opportunità ta' fondi.

55.11.4 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm aktar mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

55.11.5 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex jikkunsidra u japprova l-estimi finanzjarji għas-sena 2023.

55.11.6 Il-Kunsill approva *nem con*.

**55.12 PERFORMANCE BONUS APPRAISAL TAL-IMPJEGATI GĦAS-SENA 2022**

55.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra ta' rakkomandazzjoni flimkien mal-*Appraisal Report* tal-impjegati għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

55.12.2 Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprova l-*Appraisal Report* tal-Assistent Uffiċċjal Prinċipal u tal-Uffiċċjal Eżekuttiv u cioè l-massimu ta' 6%.

55.12.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. Ġ)**

**55.13 APPRAISAL REPORT U L-PERFORMANCE BONUS TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV GĦAS-SENA 2022**

55.13.1 Is-Sindku Dr. Sciberras ressaq l-Appraisal Report tas-Segretarju Eżekuttiv għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

55.13.2 Is-Sindku Dott. Sciberras faħħar ix-xogħol li wettaq is-Segretarju Eżekuttiv matul is-sena 2022 u ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidra u japprova l-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv.

55.13.3 Il-Kunsill approva unanimament il-massimu u cioè10%. Il-performance assessment form ser tkun qed timtela mis-Sindku Dott. Sciberras biex tiġi sottomessa lid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali biex jitkompla l-proċess.

55.13.4 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsillieri tal-fiduċja sħiħa tagħhom.

**(Ara dok. H)**

**55.14 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-AĦĦAR INCREMENT TAL-IMPJEGATA FIL-GRAD TA' UFFIĊĊJAL EŻEKUTTIV FI SKALA 13**

55.14.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa li wara li l-Kunsill kien approva il-massimu ta' 6% Performance Bonus lill-Uffiċċjal Eżekuttiv, jidher evidenti li l-livell ta' performance huwa wieħed eċċellenti.

55.14.2 Imbagħad is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-preżenti li skont ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Riżorsi Umani, kull impjegat li ma jkunx fil-massimu tal-iskala tas-salarju li fiha jkun ġie impjegat ikun intitolat għal *increment* kull sena f'dik l-iskala, u dan sakemm jintlaħaq il-massimu ta' dik l-iskala.

55.14.3 Is-Segretarju Eżekuttiv għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill wara li ġiet evalwata l-ħidma biex l-Uffiċċjal Eżekuttiv titla fis-seba' u l-aħħar *notch* tal-iskala.

55.14.4 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex il-Kunsill japprova l-*increment.*

55.14.5 Il-Kunsill approva unanimament.

**55.15 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

55.15.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 16 ta' Frar 2023 fil-5.30 p.m.

55.15.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Jannar 2023 fil-5.30 p.m.

55.15.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.20 p.m.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv